**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 5**

**L-Erbgħa 16 ta' Ottubru 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

**05.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**05.01.01** Is-Sur Frederick Aquilina bagħat email lis-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell fejn infurmaha li minħabba li huwa kellu jattendi kors ma setax jattendi din il-laqgħa. Din l-apoloġija ntlaqat mill-Kunsilliera preżenti.

**05.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 4)**

**05.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 4.

**05.02.02** Fuq proponiment tal-Kunsillier Andrew Cassar u sekondat mill-Kunsillier Anton Gatt, il-minuti ta' seduta **04** ġew approvati unanimament.

**05.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet**

**05.03.01** *Uniformi tal-ħaddiema ta' barra:* Is-Sindku John Schembri semma li nġabet kwotazzjoni waħda għall-uniformijiet għall-ħaddiema ta' barra. Is-Sindku John Schembri spjega li nġibet kwotazzjoni waħda għaliex din il-kumpanija tispeċjalizza f'uniformijiet għal min jaħdem barra u l-kwalita` tagħhom tkun aktar b'saħħitha.

**05.03.02** *Silver Pins għall-Kunsilliera:* Is-Sindku John Schembri semma li s'issa nġabet kwotazzjoni waħda sabiex isiru pins tal-fidda għal fuq il-ġlekk għall-Kunsilliera l-ġodda. Il-Kunsilliera preżenti ma qablux ma' din il-kwotazzjoni. Allura kien deċiż li jintalbu 2 kwotazzjonijiet oħra.

**05.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**05.04.01** Is-Sindku John Schembri semma' li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa rċieva komunikazzjoni mingħand il-Kunsill Lokali ta' Raħal il-Ġdid u Santa Luċija dwar il-bini ta' krematorju. Iż-żewġ Kunsilli Lokali opponew għal dan il-krematorju. Is-Sindku John Schembri flimkien mal-Kunsilliera preżenti qablu li ukoll jopponu kontra l-bini ta' dan il-krematorju. Bħala kunsill, il-Kunsilliera qablu li Ħal Luqa ma jiflaħx għal aktar tniġġis tal-ajru, Ħal Luqa huwa diġa' industrijalizzat apparti mit-tniġġis tal-ħsejjes u tal-karozzi. Is-Sindku John Schembri qal li se tinħareġ stqarija dwar din il-materja u se tintbagħat lil mezzi tax-xandir.

**05.04.02** Is-Sindku John Schembri qal li kien avviċinat minn resident li sofra danni fil-karozza tiegħu għaliex gradilja fl-art kienet miftuħa. Din il-gradilja bdiet tersaq bil-mod il-mod u fl-aħħar infetħet sew. Is-Sindku John Schembri fisser li huwa tkellem ma' sid il-karozza u kien hemm qbil unanimu li l-ispejjeż li sofra dan ir-resident jinqasmu bejn il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa u r-resident. Is-Sindku John Schembri qal li sabiex inċident simili jkun evitat darb'oħra, se jsir bolding tal-gradilja mill-aktar fis possibbli. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti dwar din il-proposta.

**05.04.03** Is-Sindku John Schembri fisser lill-Kunsilliera preżenti t-traffic management il-ġdid ta' Triq l-Iskola. Wara diversi laqgħat bejn is-Sindku John Schembri, il-Viċi Sindku Keith Bartolo u Transport Malta, ġie deċiż li Triq Sir Ugo Mifsud se tinqaleb bħalma kienet qabel. Is-Sindku John Schembri fisser li Triq Sant'Andrija se tibqa' dejjem miftuha u t-tfal tal-iskola se jidħlu mill-gate ta' Triq Sir Ugo Mifsud, mal-ġenb.

## 05.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**05.05.01** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna saqsa lis-Sindku John Schembri biex Triq ir-Rixtellu ma tibqax two way. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna spjega kif il-karozzi jistgħu jitilgħu għal 9th April filwaq li n-naħa ta' isfek jgħaddu ukoll minnha għal 9th April. Is-Sindku John Schembri tenna li se jsemmi din il-proposta ma' Transport Malta pero t-tabelli tal-One Way jistgħu jkunu ta' inkonvenjent għall-pubbliku.

**05.05.02** Il-Kunsillier Andrew Cassar talab lis-Sindku John Schembri sabiex jitneħħa l-ħaxix fil-parti ta' isfel ta' Triq ir-Rixtellu. Is-Sindku John Schembri qal li se jkun qed jagħmel it-tabelli tan-NO Parking u jibagħat wieħed mill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali sabiex jitneħħa dan il-ħaxix.

**05.05.03** Il-Kunsillier Andrew Cassar talab sabiex ikun hemm Reserved Parking għar-Residenti. Is-Sindku John Schembri qal se jikteb ittra lil Transport Malta sabiex erba' toroq f'Ħal Luqa jkollhom ir-residential parking.

**05.05.04** Il-Kunsillier Anton Gatt qal lis-Sindku John Schembri li r-residenti ta' Triq Patri Indri Schembri jridu li jitneħħew l-iskips li hemm fit-triq tagħhom. Is-Sindku John Schembri qal li se jġib xi stimi sabiex jitwaħħal arblu u jitwaħħlu fuqu l-kameras. Is-Sindku John Schembri qal li dawn l-iskips tqiegħdu apposta għaliex il-kuntrattur ma jidħolx f'dik it-triq peress li sqaq.

## 05.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**05.06.01** Xejn

## 05.07 Korrispondenza

**05.07.01** Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa rċieva komunikazzjoni mingħand resident fi Triq l-Iskola dwar il-One Way. Is-Sindku John Schembri u l-Viċi Sindku attendew laqgħa Transport Malta dwar l-imsemmija triq u se tittieħed azzjoni.

**05.07.02** Is-Sindku John Schembri informal ill-Kunsillier Andrew Cassar, responsabbli mid-dekasteru tal-anzjani, sabiex jattendi għall-konferenza: *Safeguarding the human rights of older persona: Innovations in healthy and active aging*. Il-Kunsillier Andrew Cassar aċċetta din l-istedina.

**05.07.03** Is-Sindku John Schembri rċieva korrispondenza mingħand is-Sur James Ciappara, is-Segretarju tas-Soċjeta` Filarmonika l-Unjoni sabiex jitbiddlu l-frames tat-toqob tal-arbli li hemm fi Triq Sant'Andrija kif ukoll fil-Pjazza Sant'Andrija. Is-Sindku John Schembri qal li se jkellem lis-supplier sabiex dawn il-frames isiru minn tal-inqas sal-aħħar ta' Novembru.

**05.07.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell irċeviet korrispondenza mis-Sur Matthew Mallia, Project Manager Officer tar-Reġjun Nofsinhar dwar xogħlijiet ta' manutenzjonu

offruti mir-Reġjun. Is-Sindku John Schembri flimkien mal-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu li jagħmlu użu minn dan is-servizz sabiex isiru xogħlijiet ta' xkatlar u żebgħa madwar il-lokalita`.

**05.07.05** Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa rċieva korrispondenza dwar Festa Familja organizzata mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi nhar is-17 ta' Novembru 2024. Doninu Malta talab l-għajnuna tal-Kunsill Lokali sabiex isiru xi sandwiches u jitqassmu fuq il-mejda waqt din l-attivita`. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu li dawn is-sandwiches isiru u b'hekk ikunu qed jagħtu għajnuna lil Doninu.

**05.07.06** Is-Sindku John Schembri fisser li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa rċieva komunikazzjoni mill-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanita` Attiva dwar it-teħid tat-tilqima tal-Influwenza. Is-Sindku John Schembri spjega li f'dan il-komunikat huwa kien mgħarraf li minbarra t-tilqima b'xejn kontra l-influwenza u l-Covid 19, se tkun offruta ukoll it-tilqima PCV20. Kien hemm qbil unanimu li jekk il-Ministeru jipprovdu t-tabib, il-Kunsill Lokali jipprovdi l-post.

## 05.08 Dati Pjan ta' Hidma/Baġit/Seduta Diċembru

**05.08.01** Bi qbil unanimu bejn il-Kunsilliera ġie deċiż li nhar l-Erbgħa 6 ta' Novembru 2024 se ssir is-seduta normali, filwaqt li fl-14 ta' Novembru fil-17.30 pm se ssir il-Laqgħa Pubblika li fiha se jkun ippreżentat il-Pjan ta' Ħidma għal ħames snin li ġejjin.

## 05.09 Tender – Triq ir-Russett

**05.09.01** Is-Sindku John Schembri flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell iffirmaw dan it-tender ma' min rebaħ il-kuntratt. Is-Sindku John Schembri fisser li minn issa se jiskattaw ix-xogħlijiet fuq dan it-tender.

## 05.10 Attivita` tal-Milied

**05.10.01** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna ta aġġornament dwar l-attivita` tal-Milied. Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li dawn li ġejjin se jkunu d-dati magħżula mill-Kunsill Lokali sabiex isiru attivitajiet relatati mal-Milied.

18 ta' Diċembru mis-19.00 sal-23.00 se ssir attivita` f'Misraħ Sant'Andrija

19 ta' Diċembru se ssir ukoll attivita` ġewwa Ħal Farruġ.

Is-Sindku John Schembri qal lis-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell sabiex sal-15 ta' Novembru 2024, il-Kunsill Lokali jkollu lest il-permessi kif ukoll il-wardens li se jkunu xogħol għal din l-attivita`.

## 05.11 Project Green – Ħal Farruġ

**05.11.01** Is-Sindku John Schembri flimkien mal-Viċi Sindku Keith Bartolo u s-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell iltaqgħu darbtejn ma' Project Green sabiex ikun diskuss proġett għal

Hal Farruġ. Is-Sindku John Schembri fisser li dan il-proġett se jinkludi fih ukoll il-bini ta' uffiċċju li se jintuża mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa kif ukoll kaffetterija.

**05.12 Skeda ta' Pagamenti u Petty Cash**

**05.12.01** Fuq proponiment tal-Kunsillier Matthew Spiteri u sekondat mill-Kunsillier Jeffrey Scicluna, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

**05.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**05.13.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.10 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 6 ta' Novembru 2024, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa, 6 ta' Novembru 2024.**

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |